MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 863/2002

**Kevin Camilleri.**

**-vs-**

**John Mary ahjar maghruf bhala Jimmy Vella, u Vella Mechanical Services Company Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-25 ta' Lulju, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur kien impjegat mal-konvenuti jew min minnhom.

U illi l-attur nhar is-16 ta' Dicembru, 1999, waqt il-qadi tal-impjieg tieghu u fil-kors tax-xoghol tieghu mal-konvenuti jew min minnhom, huwa wegggha u ssubixxa ferita gravi konsistenti f'amputazzjoni permanenti ta' sebgha f'idu l-leminija.

U minhabba tali incident l-attur qieghed isofri minn disabilita' permanenti u dana hekk kif se jkollu l-opportunita' illi jipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

U illi l-imsemmi incident sehh unikament tort tal-konvenuti jew min minnhom u dana minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenuti jew min minnhom.

U illi ghalkemm il-konvenuti gew debitament interpellati mill-attur sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom bhala unikament risponsabbli ghall-incident li sehh nhar is-16 ta' Dicembru, 1999 fejn weggha l-attur u dana minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenuti jew min minnhom.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur anke bil-hatra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu is-somma hekk likwidata mill-attur.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali datata 20 ta' Novembru, 2001, u bl-imghax u l-konvenuti minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-23 ta’ Ottubru, 2002 li permezz taghha ecepew;

1. Illi t-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-konvenuti mhumiex responsabbli ghall-incident *de quo*;

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali kompriz il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-assistent gudizzjarju.

Rat ir-rapport tal-perit mediku l-kirurgu Charles Sciberras.

Rat il-verbal tas-seduta tat-16 ta’ Novembru, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat li ma gewx presentati noti tal-osservazzjonijiet ghalkemm il-paritjiet kellhom il-fakolta’ jaghmlu dan.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob danni li sofra wara incident li sehh fuq il-post tax-xoghol tieghu mas-socjeta’ konvenuta.

Ma hemmx kontestazzjoni li l-attur kien impjegat mas-socjeta’ konvenuta meta gara l-incident li fih wegga. L-incident gara meta l-attur kien qed jahdem fuq makna u f’hin minnhom harablu d-*driller* li kien qed juza u qatghalu subajgh il-werrej ta’ idu l-leminija.

Il-konvenuti ppresentaw eccezzjonijiet generici li ma humiex responsabbli ghall-incident.

L-attur ippresenta erbgha affidavits; tieghu u ta' Roderick Magri, Godwin Bugeja u Christopher Chetcuti. Dawn kollha kienu jahdmu mas-socjeta' konvenuta meta gara l-incident. Skond l-attur, id-*driller* li kien qed juza kien difettuz, ghaliex orginarjament ikien ikollu *plastic knob* jew *lever* tieghu biex idur b'izjed facilita' izda skond hu kien tkisser. Minflok kienet twahhlet bicca fildiferru biex wiehed ikun jista' jdawwar is-*switch*. Barra minn dan kellu juza tnalja biex izomm il-*gasket* ghax ma kellux morsa tieghu. L-incident spjegah hekk;

"*Hin minnhom hatafli l-gasket u jien minnufih tlaqt it-tnalja. Hekk kif tlaqt it-tnalja u ftaht idi l-leminija il-gasket li kien ghadu jdur mat-trapan tal-brace b'certa qawwa dahlet gewwa subghajja u gibdilti idi lejn il-brace b'certa sahha. Dak il-hin ghalhekk kelli subghajja ta' idi l-leminija jingibidli l'barra permezz tal-gasket fil-waqt li t-trapan tal-brace kien qed jigbidli l-istess subghajja ta' idi l-leminija l'gewwa ghaliex il-brace ma waqafx idur. Ghalhekk is-subgha in kwistjoni kien bi trapan f'nofsu u nofsu 'l barra u nofsu 'l gewwa... ipprovajt nitfi s-switch tad-driller li semmejt qabel izda kien kollu ghalxejn ghaliex il-fildiferruwa bdiet iddur fix-xejn u l-iswitch baqa ma ntefiex. Minhabba f'hekk dan kompla jigbidli subghajja sakemm tqaccat minn postu.*"

Ix-xhieda l-ohra tista' tghid ikkonfermaw id-deposizzjoni tal-attur, l-iktar Roderick Magri illi xehed f'iktar dettal mit-tnejn l-ohra fuq imsemmija, u dan ghax kien presenti ghalkemm f'postazzjoni differenti, waqt l-incident, waqt li l-ohrajn kienu prezenti mmejatament wara.

A fol 61 xehed Carmel Vella, direttur tas-socjeta' konvenuta li qal li d-decizjoni biex jahdem fuq il-*gasket* hadha l-istess attur – testwalment qal "*il-morsa .. ma setax jaqbad il-gasket ghax irqiqa wisq. Jien ghedtlu biex itaqqab il-gasket u mhux biex juza makkinarju partikolari... l-istand driller hu b'sahhtu hafna u peress li l-gasket kienet irqiqa facli tigbdek kif sfortunatament gara.*" Kontro-ezaminat, ammetta li l-i*switch* kien miksur; "*L-*

*iswitch miksur kien originarjament knob tal-plastic kbir li kien jintuza biex tixghel il-makna... il-fildiferru kien jirriplacja in-knob originali. Ahna pprovajna nordnaw dan in-knob izda peress illi l-makna antika ma nqdejniex.*"

Il-konvenut John Mary Vella qal li l-attur kien impjegat mas-socjeta' konvenuta u mhux mieghu personalment.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet D'Anastasi vs Enemalta Corporation deciza fit-28 ta' Gunju, 2005 qalet;

"*Illum it-tendenza ricenti tal-Qrati taghna, issa msahha ukoll minn legislazzjoni iktar moderna u konsonanti maz-zmienijiet hija li hemm kwazi presunzjoni illi incident industrijali jigri ghax ma kienx hemm a safe system of work.*

*Huwa facli ghal dak li jipprovdi x-xoghol illi jwahhal fl-impjegat ghax uza ghodda mhux koperti minn apparat ta' sigura izda fuq kollox l-impjegat ikun qed jahdem ghall-ahjar ta' min jaghtih ix-xoghol u minnflok ma jgerger u jilmenta mill-ghodda, ikun medd idejh ghax-xoghol. Ma hux sew fil-fehma tas-Qorti li wiehed jattribwixxi xi tort lill-attur u nghidulu li kien ahjar li hasel idejh.*"

Kif irriteniet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Schembri vs Caruana nomine deciza fit-12 ta' Jannar 1983, "*employer illi jkun jaf li fil-makkinarju tieghu hemm perikolu u ma jiehu ebda passi biex jirrimedja ghal dan jesponi ruhu ghall-konsegwenzi legali li johorgu minn dan... l-employer (ghandu jahseb) illi jippjana sew ix-xoghol u jikkunsidra l-fatt li l-istess haddiema gieli jittraskuraw ir-riskji nvoluti fix-xoghol taghhom ta' kull jum.*"

Kif ukoll qalet l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi and Sons Limited deciza fid-9 ta' Ottubru, 2003; "*Min ihaddem ghandu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha ta' l-istess haddiem.*" *(ara Bugeja vs Falzon deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1997 u Desira vs Grech and Co. Ltd deciza fit-30 ta' Mejju, 2002)*.

Fil-kaz in ezami l-Qorti hija konvinta li dan ma sarx u l-attur intbaghat jahdem fuq il-makna msemmija minghajr ma s-socjeta' konvenuta hadet il-prekawzjonijiet biex incident bhal ma gara ma jigrix. Ma hemm ebda prova li l-attur b'xi mod ikkontribwixxa huwa stess ghall-incident. Il-konvenut Vella pero' ma ghandux jirrispondi personalment ghaliex l-attur kien impjegat mas-socjeta' konvenuta.

Stabbilita r-responsabilita' il-Qorti ser tghaddi biex tillikwida d-danni. Fir-rigward tal-lucrum cessans ser tadotta l-principju stabbilit fil-kawza Butler vs Heard deciza fl-1967 u f'diversi sentenzi li segwewha. Gie stabbilit mill-espert mediku nkarigat mill-Qorti li l-attur sofra disabilita' ta' ghaxra fil-mija (10%) minhabba l-incident fl-1999; dakinhar kellu tmintax (18) il-sena, kien ghadu student tas-sengha li kien qed jitharreg fiha u gia' kellu paga ta' elfejn, sitt mija u sitta u disghin Lira Maltin (Lm2,696) (fol 65). Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tieghu li kellu u ghandu l-potenzjal li jimxi l'quddiem fis-sengha tieghu. Infatti anke l-istess konvenuti qalu li kien zaghzugh jipprometti hafna fis-sengha tieghu meta kien impjegat maghhom. Ghalhekk ser tilliwikida d-danni a bazi ta' qligh ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) fuq hamsa u tletin sena – u dan billi wiehed qatt ma jista' jkun cert li ser jibqa' jahdem sa wiehed u sittin (61) sena; il-Qorti m'hijiex pero' ser tnaqqas taxxi u kontribuzzjonijiet ghax wiehed hawn jippresumi zidiet fil-pagi fil-futur, biex ma tikkomplikax il-komputazzjoni. Dan ghalhekk iwassal ghas-somma ta' sbatax il-elf u hames mitt Lira Maltin (Lm17,500). Il-Qorti, billi ghaddew tlett snin u nofs minn meta bdiet il-kawza ser tnaqqas ghaxra fil-mija (10%) minnflok ghoxrin fil-mija (20%) bhal ma jsir normalment minhabba l-hekk imsejjha *lump sum payment* u ghalhekk l-ammont jigi hmistax-il elf, seba' mija u hamsin Lira Maltin (Lm15,750). Ma' dan l-ammont ghandhom jizdiedu l-mitt Lira Maltin (Lm100) spejjez medici li nefaq l-attur (fol 36) u l-ammont isir hmistax-il elf, tmien mija u hamsin Lira Maltin (Lm15,850).

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti, fil-waqt li tillibera lill-konvenut**

**Vella mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tilqa' t-talbiet kollha attrici u tikkundanna lill-istess socjeta' thallas lill-attur is-somma ta' hmistax-il elf, tmien mija u hamsin Lira Maltin (Lm15, 850) u imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjes tas-kawza jithallsu mis-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------